



It-Tieni Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja

Il-ħajja tal-familja u x-xogħol

Sommarju Eżekuttiv

Daħla

Il-bidla demografika u żviluppi fis-suq tax-xogħol qegħdin jiffurmaw ix-xogħol u l-ħajja tal-familja tal-Ewropej, b'konsegwenzi vasti għall-futur. Il-bidla demografika għet attivata minn tibdil fit-tendenzi tal-formazzjoni tal-familja, u bidliet fl-irwoli tal-irġiel u n-nisa fid-dar, flimkien ma' żieda fl-għomor u mobiltà ġeografika. Il-bidliet fis-suq tax-xogħol irriżultaw f'żieda fin-nuqqas ta' stabbiltà ekonomika u fl-inċertezza tal-impjieg, flimkien ma' żieda fil-produttività u l-flessibbiltà tax-xogħol. It-tieni *Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja* (EQLS), li sar mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) fl-2007, joffri ħarsa wiesgħa lejn ir-realtajiet soċjali differenti fis-27 Stat Membru tal-UE, fin-Norveġja u fil-pajjiżi kandidati tal-Kroazja, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja u t-Turkija.

Dan ir-rapport jesplora s-suġġett tal-ħajja tal-familja u x-xogħol fl-Ewropa, billi jħares lejn modi kif jista' jinstab bilanċ aħjar bejn il-ħtiġijiet tax-xogħol u r-responsabbiltajiet tal-familja. Pressjonijiet għaż-żieda fil-flessibbiltà fl-istejtus tal-impjieg (inqas impjegi fit-tul u full-time), fis-sigħat tax-xogħol (sigħat mhux normali, xogħol aktar intensiv) u fil-mobiltà, kif ukoll żieda fl-inċertezza dwar l-impjegi u l-karrieri professjonali, jaffettwaw lin-nisa b'mod partikolari u jikkontribwixxu għal tensjonijiet bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja. Ir-rapport janalizza dawn it-tensjonijiet u jeżamina l-isfond ta' kuntesti istituzzjonali, strutturi tas-suq tax-xogħol u fatturi kulturali differenti, li kollha huma importanti għar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja tal-familja fis-soċjetà tal-lum.

Il-kuntest tal-politika

Il-politiki tal-UE li jfittxu li jirrikonċiljaw ix-xogħol u l-ħajja tal-familja gradwalment iċċaqilqu fl-ambitu tagħhom

– mit-trattament ugwali tan-nisa u tal-irġiel fuq ix-xogħol għall-ħtieġa għal aktar impjegi biex ikun stimulat it-tkabbir ekonomiku, għal modi biex jinkiseb bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja u, dan l-aħħar, għal mezzi sabiex jiġu ffaċilitati u jiżiedu r-rati ta' twelid. B'mod partikolari, f'dawn l-aħħar għaxar snin, dawn il-politiki tfasslu mill-ġdid sabiex jenfasizzaw il-fatt li l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja, id-diviżjoni bejn is-sessi ta' xogħol imħallas u mhux imħallas, u ż-żieda fir-rati tat-twelid huma kollha oqsma ta' politika importanti b'mod ugwali. Skont il-Kummissjoni Ewropea, 'il-politiki ta' rikonċiljazzjoni huma twegġibiet ewlenin għal sfidi ekonomiċi u demografiċi fit-tul, u għaldaqstant għandhom jissaħħu sabiex jistimulaw it-tkabbir'.

Sejbiet ewlenin

Il-ħajja tal-familja

Is-sejbiet juru diversità sorprendenti fost il-pajjiżi u l-gruppi ta' pajjiżi fix-xejriet tal-familja fl-Ewropa. L-arranġamenti tal-familji tal-Ewropej huma differenti l-aktar fl-istadji bikrija tal-ħajja tal-familja (il-bidu tas-sħubija u l-ħajja ta' ġenituri) u fl-istadji tal-aħħar (il-fażijiet tal-'bejta vojta' u ta' dissoluzzjoni) u għandhom dimensjoni ċara bejn is-sessi. Il-ħajja bħala koppja bit-tfal huwa l-arranġament predominanti ta' għajxien fost in-nies li għandhom bejn il-35 u d-49 sena u juri l-inqas varjazzjoni bejn il-pajjiżi.

Ix-xogħol fid-dar jinkludi l-aktar responsabbiltajiet ta' kura; il-ħin iddedikat għat-tfal jokkupa ħafna aktar ħin tal-familja milli l-kura tal-anzjani jew ta' qraba b'diżabbiltà. Hemm diskrepanzi konsiderevoli ta' età u ta' sessi fl-ammont ta' ħin mgħoddi fuq xogħol mhux imħallas u l-involvement ta' kuljum fl-attivajiet ta' kura u dawk domestiċi. In-nies li għandhom bejn il-35 u d-49 sena, b'mod speċjali n-nisa, għandhom l-akbar ammont ta' xogħol mhux imħallas, segwiti min-nies li

għandhom bejn il-25 u l-34 sena. B'differenza mill-każ tal-irġiel, il-ħin mgħoddi min-nisa fuq xogħol mhux imħallas u l-involviment ta' kuljum ma jvarjax daqshekk bejn il-pajjiżi. Il-limitu tad-differenza bejn is-sessi huwa relatat ma' perċezzjonijiet tal-irwoli tas-sessi, bl-evalwazzjoni soġġettiva tan-nuqqas ta' ugwaljanza bejn is-sessi fid-dar tkun konsistenti mal-istampa oġġettiva: l-irġiel jikkonfermaw li jagħtu inqas mis-sehem ġust tagħhom ta' kompiti fid-dar filwaqt li n-nisa jiddikjaraw li jagħtu aktar mis-sehem ġust tagħhom.

Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja

B'mod ġenerali, l-Ewropej huma inqas sodisfatti bl-ammont ta' ħin li jgħaddu mal-familja tagħhom milli bl-ammont ta' ħin li jgħaddu jaħdmu, bil-ħajja tal-familja tkun aktar addattata għall-ħtiġijiet tal-impjeg mill-huma l-arranġamenti tax-xogħol għall-ħajja tal-familja. Jeżistu differenzi sostanzjali bejn il-pajjiżi f'dak li jirrigwarda r-raġunijiet għal bilanċ mhux sodisfaċenti bejn ix-xogħol u l-familja. Fil-pajjiżi Nordiċi, kif ukoll fil-pajjiżi tal-Benelux u fi Franza, in-nuqqas ta' l-huq ta' bilanċ sodisfaċenti bejn ix-xogħol u l-ħajja huwa dovut għan-nuqqas ta' ħin. Fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant u fil-pajjiżi kandidati, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja huwa affettwat b'mod negattiv l-aktar minħabba għeja dovuta għal kondizzjonijiet tax-xogħol ħżiena li jirriżultaw minn sigħat twal ta' xogħol. Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja jidher li huwa aktar faċli fil-pajjiżi li jikkollmu bil-Ġermaniż u dawk Anglo-Sassoni: spjegazzjoni għal dan tista' tkun il-proporzjon aktar baxx ta' koppji li jaħdmu t-tnejn u ta' ommijiet waħedhom li jaħdmu f'dawn il-pajjiżi.

Il-bilanċ bejn il-familja u x-xogħol jiddependi wkoll fuq in-numru ta' tfal u l-età tagħhom. L-ammont ta' ħin jonqos aktar malli jiżdied in-numru ta' tfal, u huwa inqas għall-ġenituri ta' tfal żgħar. Għalkemm il-kura ta' qraba anzjani hija inqas mifruxa milli l-kura tat-tfal, għal dawk li jagħmlu dan ix-xogħol kuljum dan jirriżulta li huwa impenjattiv daqs il-kura tat-tfal.

Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja u s-sodisfazzjon tal-ħajja

Minkejja interrelazzjonijiet familjali u soċjali inqas vinkolanti u aktar kumplessi (li jqanqlu tħassib dwar dgħufija fil-kuntatti tal-familja), il-familja tibqa' l-qasam prinċipali tas-soċjabbiltà u l-appoġġ fl-Ewropa. Il-koppji bit-tfal li jistgħu jistrieħu fuq l-appoġġ tal-familja huma aktar kuntenti milli dawk mingħajr tfal, dawk mingħajr sieħeb jew dawk li ma jistgħux jiddependu fuq kwalunkwe appoġġ finanzjarju, morali jew tas-saħħa mill-familja jew il-ħbieb tagħhom. Il-ġenituri waħedhom għandhom l-aktar livelli baxxi ta' sodisfazzjon tal-ħajja fosthom kollha.

L-Ewropej li għandhom impjeg igawdu sodisfazzjon akbar tal-ħajja minn ċittadini li mhumiex

ekonomikament attivi u min-nies qiegħda. Madankollu, s-sensazzjoni ta' ammont ta' xogħol eċċessiv minħabba obbligi professjonali jew tal-familja twassal għal tnaqqis sostanzjali fis-sodisfazzjon tal-ħajja. In-nisa li jaħdmu barra d-dar u jgħaddu minn kunflitt bejn ix-xogħol u l-familja għandhom it-tendenza li jkunu inqas sodisfatti bil-ħajja min-nisa li jaħdmu biss id-dar. Il-qgħad, madankollu, għandu l-aktar impatt negattiv fuq is-sodisfazzjon tal-ħajja: anki dawk li jirrapportaw livell għoli ta' kunflitt bejn ix-xogħol u l-familja huma ferm aktar kuntenti bil-ħajja minn persuni qiegħda.

Indikaturi tal-politika

- Minħabba li t-tkabbir kemm fil-livell tal-impjegji kif ukoll fil-livell tal-popolazzjoni għandu rwol importanti fl-iżgurar ta' tkabbir sostennibbli, politiki li jiffaċilitaw it-transizzjoni għall-età adulta (b'mod speċjali d-dħul f'impjeg) jeħtieġu li jiġu kkunsidrati f'termini ta' kif huma jappoġġjaw stat ta' sħubija u ġenitur.
- Politiki mmirati lejn il-ħolqien ta' kundizzjonijiet xierqa ta' kombinazzjoni ta' ħajja tal-familja u xogħol għandhom jirriżultaw biss f'adattament aħjar tax-xogħol għad-domandi tal-familja iżda għandu jkollhom ukoll influwenza ta' benefiċċju fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja u fuq is-sodisfazzjon tal-ħajja ta' individwi f'soċjetajiet kontemporanji.
- Titjib fis-servizzi ta' kura għal persuni anzjani jista' jappoġġja netwerks tal-familja fit-tweitiq tar-responsabbiltajiet ta' kura tagħhom.
- Ir-ridistribuzzjoni ta' kura f'termini ta' sessi, arranġamenti formali u informali, u d-diversità tas-servizzi tal-kura, jikkostitwixxu kwistjoni ewlenija tal-politiki ta' rikonċiljazzjoni. Miżuri li jipromwovu r-ridistribuzzjoni tal-kura bejn in-nisa u l-irġiel fi ħdan il-familja huma partikolarment meħtieġa.
- Għandha tingħata aktar attenzjoni għall-iżbilanċi li dejjem qegħdin jiżdiedu bejn id-domanda għal u l-għoti ta' kura għall-anzjani u qraba b'disabilità, b'mod speċjali fil-pajjiżi tal-Ewropa ċentrali u tal-Lvant.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport tal-EQLS *Il-ħajja tal-familja u x-xogħol* huwa disponibbli online fuq: <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1002.htm>

Ir-rapport ta' ħarsa ġenerali tal-EQLS u aktar analiżi sekondarja ta' dejta tal-istħarriġ huma disponibbli fuq il-website tal-Eurofound fuq: <http://www.eurofound.europa.eu/areas/qualityoflife/eqls/>

Teresa Renehan, Uffiċjal tal-informazzjoni
ter@eurofound.europa.eu